The application in the names Strickland Ltd vs Veronica Conti, Application number 898/2021NB, is postoned for hearing for the 10th June, 2022, at 11.20 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 2nd June, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

984

Permezz ta' digriet mogħti fit-2 ta' Ġunju 2022, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 1977/2022, fl-ismijiet Dominic Gray vs Thomas Vella et, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ordnat issegwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat a tenur tal-Artikolu 891 et seq tal-Kap 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili

Illum, 12 ta' Mejju 2022

Lil: Thomas Vella ta' 170, Triq it-Torri, Mosta.

Kummissarju tat-Taxxi ta' Uffiċċju tal-Kummissarju tat-Taxxi , Floriana FRN0170

Direttur Registru Pubbliku ta' Onda Building, Triq Aldo Moro, Marsa.

Avukat tal-Istat ta' Casa Scaglia, 16, Mikiel Anton Vassalli Street, Valletta.

Permezz tal-preżenti, Dominic Gray (Passaport Ingliz Nru 465110906) ta' Aster House, Triq Melita, 24, Sliema, filwaqt li jagħmel referenza għall-kuntratt ta' bejgħ fl-atti tan-Nutar Pubbliku Dr Thomas Vella datat 17 ta' Mejju, 2017 u filwaqt li jirrileva li fost l-oħrajn il-mittenti ħallas dak kollu dovut minnu, inkluż dak dovut lill-intimat Kummisarju tat-Taxxi in relazzjoni mat-trasferiment in kwistjoni, liema ammonti tħallsu lin-nutar intimat a tenur tal-liġi, jinterpellakom sabiex fi żmien tlett ijiem mid-data tal-preżenti ittra tersqu għarregistrazzjoni tal-att relattiv fir-Registru Pubbliku ai termini tal-liġi u dan filwaqt li jzommkom solidalment responsabbli għad-danni kollha li ġarrab u qed ikompli jġarrab minħabba n-nuqqasijiet tagħkom.

Fin-nuqqas li tottemperaw ruħkom ma' dak rikjest minnkom, il-mittenti mhuwiex ser ikollu triq oħra għajr li jieħu passi ġudizzjarji ulterjuri fil-konfront tan-nutar intimat u fil-konfront tal-intimati l-oħra kollha.

B'riserva assoluta tad-drittijiet kollha spettanti lillmittenti skont il-liġi, inkluża azzjoni għad-danni.

Tant sabiex tagħrfu timxu u tevitaw aktar proceduri u spejjez inutili.

Bl-ispejjeż.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 3 ta' Ġunju 2022.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree of the 2nd June 2022, in the records of the judicial letter number 1977/2022, in the names Dominic Gray vs Thomas Vella et, the First Hall of the Civil Court ordered the following publication for the purpose of effecting service on the respondents in terms of Article 891 et seq of Chapter 12.

In the First Hall of the Civil Court

Today 12th May 2022

To : Thomas Vella of 170, Triq it-Torri, Mosta.

Commissioner of Revenue of Ufficcju tal-Kummissarju tat-Taxxi , Floriana FRN0170

Director Public Registry of Onda Building, Triq Aldo Moro, Marsa.

State Advocate of Casa Scaglia, 16, Mikiel Anton Vassalli Street, Valletta.

By means of this present, Dominic Gray (English Passport Number 465110906) of Aster House, Triq Melita, 24, Sliema, whilst making reference to the contract of sale in the records of Notary Dr Thomas Vella dated 17th May, 2017 and whilst he states that among others, the interpellant paid all that was due by him, including that due to the respondent Commissioner of Revenue in connection with the transfer in question, which amounts were paid to the respondent notary in terms of law, solicit you so that within three days from the date of filing of this letter you come forward for the registration of the relative act in the Public Registry in terms of law and this while holding you jointly and severally liable for all damages he suffered and continue to suffer due to your default.

Failing to comply with what is requested by you, the interpellant will have no choice but to take further legal action against the respondent notary and against all the other respondents.

With absolute reservation of all rights due to the interpellant in accordance with the law, including action for damages.

So much so that you may know how to proceed and avoid unnecessary procedures and costs.

With costs.

Registry of the Superior Courts today 3rd June 2022.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

985

Permezz ta' digriet mogħti fis-26 ta' April 2022, mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fl-atti tar-rikors ġuramentat fl-ismijiet Wanda Mallia vs John Mamo Rikors Nru 299/2021AL, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat John Mamo a tenur tal-Artikolu 187(3) et seq tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12).

Permezz ta' rikors ġuramentat fl-ismijiet Wanda Mallia (KI 299987M) vs John Mamo (KI 146384M), ppreżentat fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja), fis-17 ta' Diċembru 2021, ir-rikorrenti Wanda Mallia (KI 299987M) bil-ġurament talbet lil din l-Onorabbli Qorti:

1. Tafda s-setgħa esklussiva ta' ġenitur tal-minuri – omissis - f'idejn ir-rikorrenti;

2. Tafda l-kura u l-kustodja esklussiva tal-minuri -omissis – f'idejn r-rikorrenti, filwaqt li tikkonferma illi r-residenza tal-minuri għandha tkun mal-omm;

3. Tordna illi d-deċiżjonijiet kollha, kemm dawk ta' natura ordinarja kif ukoll dawk ta' natura straordinarja rigwardanti t-trobbija, saħħa, edukazzjoni, attivitajiet extra-kurrikulari tal-minuri kif ukoll dawk id-deċiżjonijiet rigward domicilju, safar u ħruġ u tiġdid ta' passaport tal-minuri jittieħdu esklussivament mir-rikorrenti u mingħajr ħtieġa tal-firma tal-intimat;

4. Tiffissa u tillikwida manteniment għall-minuri, liema manteniment għandu jinkorpora wkoll is-sehem tal-missier għal nofs l-ispejjeż ta' saħħa, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari tal-istess minuri, liema manteniment għandu jkun pagabbli sakemm l-istess minuri jagħlaq l-età ta' 18-il sena jekk jiddeċiedi li jieqaf mill-istudji tiegħu u jibda jaħdem fuq bażi full time, jew sa 23 sena jekk jiddeċiedi li jkompli bl-istudji tiegħu fuq bażi full time u konsegwentement tordna lill-intimat sabiex iħallas il-manteniment hekk kif likwidat b'dawk il-modalitajiet kollha tal-pagament, inkluż provvediment għaż-żieda perjodiku biex tagħmel tajjeb għall-għoli tal-ħajja.

5. Tordna li l-imsemmi manteniment jiġi mnaqqas direttament mis-salarju jew qliegħ tal-intimat mill-impjieg jew xogħol li huwa għandu jew jista' jkollu, jew minn kwalunkwe benefiċċju soċjali li huwa jista' jkun qed jirċievi minn żmien għal żmien;

6. Tordna li l-imsemmi manteniment jiġi depositat f'kont bankarju indikat mill-esponenti;

7. Tiddikjara illi l-intimat huwa responsabbli illi jħallas arretrati ta' manteniment kif ukoll spejjeż ta' saħħa u edukazzjoni (u attivitajiet extra-kurrikulari jekk ikun il-każ) minnu mhux imħallsa, kif ukoll iż-żieda tal-għoli tal-ħajja, u dan kif se jiġi provat f'dawn il-proċeduri.

By means of a decree of the 26th April 2022 of the Civil Court (Family Section), in the records of the Sworn Application in the names Wanda Mallia vs John Mamo, Application Number 299/2021AL, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent John Mamo in terms of Article 187(3) et seq of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap 12)

By means of a sworn application in the names Wanda Mallia (ID 299987M) vs John Mamo (ID 146384M), filed in the Civil Court (Family Section), on the 17th December 2021, the applicant Wanda Mallia (ID 299987M) on oath requested this Honourable Court to:

1. Entrust the exclusive power of parent of the child – omissis- to the applicant;

2. Entrusts the exclusive care and custody of the child – omissis – to the applicant, confirming that the child's residence must be with the mother;

3. Order that all the decisions, whether ordinary or extraordinary, concerning the upbringing, health, education, and extracurricular activities of the child as well as those decisions concerning domicile, travel and issuing and renewals of the passports of the minor are taken exclusively by the applicant and without the need for the respondent's signature;

4. Liquidate and fix maintenance for the minor, which maintenance shall also include the father's share of half of the costs of health, education and extra-curricular activities of the same child, which maintenance shall be payable until the same child reaches the age of 18 if he decides to stop his studies and start working on a full time basis or up to 23 years if he decides to continue his studies on a full-time basis and consequently order the respondent to pay maintenance as soon as it is liquidated, with all those payment modalities including periodic increase to make up the cost of living;

5. Order that such maintenance be deducted directly from the respondent's salary or earnings from the employment or work which he is or may be in possession of, or from any social benefit which he may be receiving from time to time;

6. Order that the said maintenance be deposited in a bank account indicated by the applicant;

7. Declare that the respondent is liable to pay maintenance arrears as well as unpaid health and education expenses (and extra-curricular activities if any as well as the increase in the cost of living, as will be proved in these proceedings;

8. Tillikwida l-arretrati ta' manteniment kif ukoll spejjeż ta' saħħa u edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari jekk ikun il-każ kif ukoll iz-żieda tal-għoli tal-ħajja mhux imħallas mill-intimat.

9. Tikkundanna l-intimat sabiex iħallas lir-rikorrenti l-arretrati ta' manteniment u spejjeż ta' saħħa, edukazzjoni u (attivitajiet extra-kurrikulari jekk ikun il-każ) kif ukoll iż-żieda tal-għoli tal-ħajja minnu mhux imħallsa.

10. Tordna illi kull benefiċċju soċjali u/jew għajnuna soċjali li tkun talvolta pagabbli lill-minuri -omissis – jingħata lir-rikorrenti.

11. Tagħti dawk il-provvedimenti kollha xierqa u opportuni li jikkonċernaw lill-minuri – omissis -.

Bl-ispejjeż kontra l-intimat li huwa minn issa ngunt għas-subizzjoni.

rikorrenti: 55, Fuq Verdala, Cospicua.

Notifika : John Mamo- 125, New Haven, Fl 5, Triq in-Niseġ, Ħaż-Żabbar.

Ir-rikors fl-ismijiet Wanda Mallia vs John Mamo, rikors numru 299/2021AL jinsab differit għall-14 ta' Ġunju, 2022 fid-9.15a.m.

Reġistru tal-Qrati Ċivili (Sezzjoni Familja), illum 3 ta' Ġunju 2022.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

8. Settle maintenance arrears as well as health and education expenses and extra-curricular activities if applicable as well as the increase in cost of living not paid by the respondent;

9. Order the respondent to pay the applicant the arrears of maintenance, health, education and (extra-curricular activities if any) as well as the increase in cost of living unpaid by him;

10. Order that any social benefits and/or social assistance which are sometimes payable to the minor – omissis- be granted to the applicant;

11. Provide all appropriate and timely provisions concerning minor – omissis-.

With costs against the respondent who is from now summoned so that a reference to his oath be made.

Applicant: 55, Fuq Verdala, Cospicua.

Notification : John Mamo- 125, New Haven, Fl 5, Triq in-Niseġ, Ħaż-Żabbar.

The Application in the names Wanda Mallia vs John Mamo, Application Number 299/2021AL has been postponed for hearing to the 14th June, 2022 at 9.15 a.m.

Registry of the Civil Courts (Family Section), today 3rd June 2022,

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

986

Permezz ta' digriet mogħti fit-18 ta' Jannar 2022, mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fl-atti tar-rikors ġuramentat fl-ismijiet Victor Mercieca vs Antonia Mercieca Rikors Nru 74/2020JPG, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimata Antonia Mercieca a tenur tal-Artikolu 187(3) et seq tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12).

Permezz ta' rikors ġuramentat fl-ismijiet Victor Mecieca (KI 70853G) vs Antonia Mercieca (KI 219857M), ppreżentat fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja), fid-29 ta' Mejju 2020, ir-rikorrenti Victor Mercieca bil-ġurament talab lil din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara illi l-ħajja konjugali ta' bejn il-kontendenti m'għadhiex aktar possibbli u li ż-żwieġ tkisser irrimedjabbilment, u għaldaqstant tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-konjugi Mercieca minħabba

By means of a decree of the 18th January 2022 of the Civil Court (Family Section), in the records of the Sworn Application in the names Victor Mercieca vs Antonia Mercieca, Application Number 74/2020JPG, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Antonia Mercieca in terms of Article 187(3) et seq of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap 12)

By means of a sworn application in the names Victor Mercieca (ID 70853G) vs Antonia Mercieca (KI 219857M), filed in the Civil Court (Family Section), on the 29th May 2020, the applicant Victor Mercieca on oath requested this Honourable Court to:

1. Declare that the marital life between the parties is no longer possible and that the marriage has irretrievably broken down, and therefore pronounces the personal separation between the spouses Mercieca due to adultery,

adulterjur, abbandun, sevizzi, eċċessi u inġurji gravi li l-intimata kkommettiet kontra żewġha r-rikorrenti, u minħabba inkompatibilità ta' karattru.

2. Tapplika in toto jew in parte kontra l-intimata l-effetti tad-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 48 sa 53 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

3. Tiddikjara xjolta l-kommunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet u tillikwida l-istess komunjoni b'mod li jiġu stabbiliti porzjonijiet in diviżjoni u assenjati lill-partijiet, u billi wkoll tiġi stabbilita data li minn dakinhar l-intimata titqies li ddekadiet minn kull akkwist magħmul bix-xogħol u bil-ħila tar-rikorrenti, u dana kollu okkorrendo bl-opera ta' perit nominand, u tordna wkoll id-diviżjoni u assenjazzjoni ta' ġid ieħor komuni li hemm bejn il-kontendenti, bl-eventwali bejgħ b'liċitazzjoni ta' dakollu li mhux wied kommodament diviżibbli, u din bl-ammissjoni ta' oblaturi estraneji, u tagħti kull provvediment xieraq u opportun fosthom illi jiġi nominat nutar sabiex jirċievi l-att relattiv u kuratur biex jirrappreżenta lill-intimata fl-eventwali kontumacja tagħha fuq l-istess att.

4. Tordna lill-intimata tirrestitwixxi lir-rikorrent il-beni u krediti parafernali u dotali tiegħu u kull kreditu li hu għandu kontra l-komunjoni tal-akkwisti.

Bl-ispejjeż kontra l-intimata li qiegħda tiġi minn issa ngunta għas-subizzjoni.

rikorrenti: 178, Flat 1, Triq San Mikiel, Bormla.

Notifika : intimata – No 6, Triq Sant'Antnin, il-Ħamrun.

Ir-rikors fl-ismijiet Victor Mercieca vs Antonia Mercieca, rikors numru 74/2020JPG jinsab differit għat-13 ta' Ġunju 2022 f'12.00p.m.

Reġistru tal-Qrati Ċivili (Sezzjoni Familja), illum 3 ta' Ġunju 2022.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunal

abandonment, excesses, cruelty and grievous injury that the respondent committed against her husband the applicant, and on the grounds of incompatibility of character.

2. Apply in toto or in parte against the resondent the effects of the provisions of Articles 48 and 53 of Chapter 16 of the Laws of Malta.

3. Declare the community of acquests between the parties to be dissolved and liquidate the same community in such a way as to establish the portions to be assigned to the parties, and also to establish a date from when the respondent is deemed to have forfeited any benefits derived through the applicant's work and skill, and as necessary under the surveillance of an appointed architect, and order as well the division and assignment of other any assets owned in common between the aparties, and if necessary through the sale by licitation of those assets which are not comfortably divisable and through a public bid, and to give those directions which are necessary and opportune, amongst which the engagement of a notary to publish the required deed and curators to represent the respondent in the event she fails to appear on the same deed.

4. Order the respondent to return to the applicant his paraphernal assets and receivables and dowry assets and any amounts owing to him from the community of acquests.

With costs against the respondent who is from now summoned so that a reference to her oath be made.

Applicant: 178, Flat 1, Triq San Mikiel, Bormla.

Notification : Antonia Mercieca – No 6, Triq Sant'Antnin, Ħamrun.

The Application in the names Victor Mercieca vs Antonia Mercieca, Application Number 74/2020JPG has been postponed for hearing to the 13th June 2022 at 12.00p.m.

Registry of the Civil Courts (Family Section), today 3rd June 2022.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

987

Permezz ta' digriet mogħti fis-27 ta' April 2022, mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fl-atti tar-rikors ġuramentat fl-ismijiet Dunstin Gauci et vs Mario Tabone et Rikors Nru 25/2022JPG, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Mario Tabone a tenur tal-Artikolu 187(3) et seq tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12).

By means of a decree of the 27th April 2022 of the Civil Court (Family Section), in the records of the Sworn Application in the names Dunstin Gauci et vs Mario Tabone et, Application Number 25/2022JPG, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Mario Tabone in terms of Article 187(3) et seq of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap 12)

Permezz ta' rikors ġuramentat fl-ismijiet Dunstin Gauci (KI 330403L) u Marilyn Gauci (KI 329585M) għal kull interess li jista' jkollha vs Mario Tabone (KI 0247482M) u d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, ppreżentat fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja), fis-27 ta' Jannar 2022, ir-rikorrenti Dunstin Gauci bil-ġurament tiegħu talab lil din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-konvenut Mario Tabone huwa l-missier naturali u bijologiku tar-rikorrent Dunstin Gauci u konsegwentement;

2. Tordna l-korrezzjoni taċ-ċertifikat tat-twelid ta' Dunstin Gauci billi fil-kolonna fejn hemm indikat isem u kunjom missier ir-rikorrent jiġu kkanċellati l-kliem 'missier mhux magħruf' u jiġu sostitwiti b'isem u kunjom il-konvenut u ċioè 'Mario Tabone' u tordna wkoll illi l-partikolarijiet relattivi għall-professjoni, sengħa jew stat ieħor għall-età, għall-post tat-twelid u residenza, u għal isem u kunjom il-missier u jekk hux ħaj jew mejjet in kwantu jirreferu għal missieru, jiġu korretti konstestwalment billi jiġu sostitwiti b'dawk il-partkorijiet li sejrin jirriżultaw waqt is-smigħ tal-kawża.

3. Tordna li minkejja dan ir-rikonoxximent ir-rikorrent Dunstin Gauci jibqa' magħrufa bil-kunjom Gauci;

4. Tordna jekk ikun il-każ, il-korrezzjoni f'kull att ieħor relattiv u sussegwenti għal tali ċertifikat tat-twelid ta' Dunstin Gauci;

5. Konsegwentement tordna lill-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex jeffettwa l-imsemmija korrezzjonijiet.

Bl-ispejjeż kontra l-intimati, jew min minnhom ingunti in subizzjoni.

rikorrenti: 3, Peter House, Triq Leli Falzon, Naxxar.

Notifika : Mario Tabone, 3, Il-Muftieħ, Triq Mons Mikiel Azzopardi,Mosta.

Ir-rikors fl-ismijiet Dunstin Gauci et vs Mario Tabone et, rikors numru 25/2022JPG jinsab differit għas-16 ta' Ġunju 2022 fis-1.00p.m.

Reġistru tal-Qrati Ċivili (Sezzjoni Familja), illum 3 ta' Ġunju 2022.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a sworn application in the names Dunstin Gauci (ID 330403L) and Marilyn Gauci (ID 329585M) for any interest she may have vs Mario Tabone (ID 0247482M) and the Director Public Registry, filed in the Civil Court (Family Section), on the 27th January 2022, the applicant Dunstin Gauci on oath requested this Honourable Court to:

1. Declare and decide that the defendant Mario Tabone is the natural and biological father of the applicant Dunstin Gauci and consequently;

2. Order the correction of Dunstin Gauci's birth certificate by deleting the words 'unknown father' in the column indicating the father's name and surname and replacing it with the name and surname of the defendant 'Mario Tabone' and also orders that the particulars relating to the profession, trade or other status, for age, place of birth and residence and for the name and surname of the father and whether he is alive or dead insofar as they refer to his father, they will be corrected contextually by replacing them with those particulars which will result during the hearing of the case.

3. Order that despite this recognition, the applicant Dunstin Gauci remains known by the surname Gauci;

4. Order, where appropriate, the correction in any other act relating to and subsequent to such birth certificate of Dunstin Gauci;

5. Consequently orders the defendant Director of the Public Registry to make the said corrections.

With costs against the respondent who is from now summoned so that a reference to his oath be made.

Applicant: 3, Peter House, Triq Leli Falzon, Naxxar.

Notification : Mario Tabone, 3, Il-Muftieħ, Triq Mons Mikiel Azzopardi, Mosta.

The Application in the names Dunstin Gauci et vs Mario Tabone et, Application Number 25/2022JPG has been postponed for hearing to the 16th June 2022 at 1.00p.m.

Registry of the Civil Courts (Family Section), today 3rd June 2022,

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

988

Permezz ta' digriet mogħti fit-28 ta' April 2022, mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fl-atti tar-rikors ġuramentat fl-ismijiet Zenab Dauda vs Josef Vassallo Rikors

By means of a decree of the 28th April 2022 of the Civil Court (Family Section), in the records of the Sworn Application in the names Zenab Dauda vs Josef Vassallo,

Nru 208/2021AL, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Josef Vassallo a tenur tal-Artikolu 187(3) et seq tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12).

Permezz ta' rikors ġuramentat fl-ismijiet Zenab Dauda (KI 47141A) vs Josef Vassallo (KI 413378M), ppreżentat fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja), fil-25 ta' Mejju 2021, ir-rikorrenti Zenab Dauda bil-ġurament talbet li din l-Onorabbli Qorti jogħgobha tiddikjara li ż-żwieġ tagħha mal-intimat Josef Vassallo bħala maħlul, u li l-partijiet huma divorzjati għall-finijiet u effetti kollha tal-Liġi u sabiex tordna għaldaqstant lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan ikun reġistrat fir-Reġistru Pubbliku skont il-Liġi u dan taħt dawk il-provvedimenti li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.

rikorrenti: 55, Franjo, Flat 1, Triq San Edwardu, Qormi.

Notifika : intimat – Lily, Flat 23, Patri Ġużepp Calleja, San Pawl il-Baħar.

Ir-rikors fl-ismijiet Zenab Dauda vs Josef Vassallo, rikors numru 208/2021AL jinsab differit għas-16 ta' Ġunju 2022 fid-9.15a.m.

Reġistru tal-Qrati Ċivili (Sezzjoni Familja), illum 3 ta' Ġunju 2022.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Application Number 208/2021AL, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Josef Vassallo in terms of Article 187(3) et seq of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap 12)

By means of a sworn application in the names Zenab Dauda (ID 47141A) vs Josef Vassallo (ID 413378M), filed in the Civil Court (Family Section), on the 25th May 2021, the applicant Zenab Dauda on oath requested this Honourable Court to declare that her marriage with respondent Josef Vassallo is dissolved and that the parties are divorced, and to order the Court Registrar to inform the Director of Public Registry with the divorce of the parties so that it may be registered at the Public Registry according to Law as this Honourable Court deems fit and appropriate.

Applicant: 55, Franjo, Flat 1, Triq San Edwardu, Qormi.

Notification : Lily, Flat 23, Patri Ġużepp Calleja, San Pawl il-Baħar.

The Application in the names Zenab Dauda vs Josef Vassallo, Application Number 208/2021AL has been postponed for hearing to the 16th June 2022 at 9.15a.m.

Registry of the Civil Courts (Family Section), today 3rd June 2022.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

989

Permezz ta' digriet mogħti fil-15 ta' Novembru 2021, mill-Bord li Jirregola l-Kera fl-atti tar-rikors fl-ismijiet Monica Magro et vs Rose Mangion et Rikors Nru 595/2021LC, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimata Rose Mangion a tenur tal-Artikolu 187(3) et seq tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12).

Permezz ta' rikors fl-ismijiet Monica Magro (KI 193553M) u Carmen Houlton (KI 812950M) vs Rose Mangion (KI 0752135M) u l-Awtorità tad-Djar bħala intervenuta fil-kawża, ppreżentat fil-Bord li Jirregola l-Kera, fit-1 ta' Settembru 2021, ir-rikorrenti Monica Magro u Carmen Houlton talbu lil dan l-Onorabbli Bord sabiex:

Jordna l-ħlas ta' żieda fl-ammont ta' kera pagabbli mill-intimata għal fond bl-indirizz numru 38 (gja 17) Triq Censu Borg (gja qabel Duke of York Street), Ħamrun waqt il-pendenza tas-smigħ ta' dan ir-rikors u dan ai termini tal-Artikolu 4A(6) tal-Kap 69;

By means of a decree of the 15th November 2021 of the Rent Regulation Board, in the records of the Application in the names Monica Magro et vs Rose Mangion et, Application Number 595/2021LC, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Rose Mangion in terms of Article 187(3) et seq of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap 12)

By means of an application in the names Monica Magro (ID 193553M) and Carmen Houlton (ID 812905M) vs Rose Mangion (ID 0752135M) and Housing Authority as intervener in the proceedings, filed in the Rent Regulation Board, on the 1st September 2021, the applicants Monica Magro and Carmen Houlton requested this Honourable Board to:

Order the payment of an increase in the amount of rent payable by the respondent for the premises at address number 38 (formerly 17) Triq Censu Borg (formerly Duke of York Street), Ħamrun during the hearing of this application and this in terms of Article 4A(6) of Chapter 69.

Jordna li jsir it-test tal-mezzi tad-dħul u tal-kapital tal-intimata u dan ai termini tal-Artikolu 4A tal-Kap 69;

F'każ li l-intimata ma' tissoddisfax it-test tal-mezzi jordna lill-intimata tivvaka mill-fond 38 (gja 17) Triq Ċensu Borg (gja qabel Duke of York Street), Ħamrun entro sentejn mid-data ta' dan ir-rikors jew data verjuri, u jiffissa reviżjoni tal-kera pagabbli mill-intimata u dan skont l-Artikolu 4A (4) tal-Kap 69.

F'każ li l-intimata tissodisfa t-test tal-mezzi, jordna reviżjoni tal-kera liema kera kif awmentata għandha tiżdied skont il-provvedimenti tal-Artikolu 4A(7) u jiddetermina dawk il-kondizzjonijiet ġodda skont l-Artikolu 4A(2) u dan prevja li jiġu appuntati membri tekniċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali. B'rizerva u mingħajr pregudizzju għad-drittijiet kollha spettanti lir-rikorrenti, inkluż dawk ta' natura kostituzzjonali u mingħajr pregudizzju għal kwalunkwe proċeduri pendenti kif ukoll b'rizerva għad-drittijiet kollha tagħhom fil-konfront tal-intimata inkluż għal kwalunkwe ksur tal-kundizzjonijiet tal-kera.

rikorrenti: Monica Magro et, 42, San Antonio, Triq il-Linja, Ħ'Attard

Intimata: Rose Mangion – 38, Triq Ċensu Borg, il-Ħamrun, Awtorità tad-Djar

Ir-rikors fl-ismijiet Monica Magro et vs Rose Mangion et, rikors numru 595/2021LC jinsab differit għat-13 ta' Ġunju 2022 fl-10.40a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 3 ta' Ġunju 2022.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Order that the means test of income and capital of the respondent be made in accordance with Article 4A of Chapter 69;

In case the respondent does not satisfy the means test, order the respondent to vacate from the premises 38 (formerly 17) Triq Ċensu Borg (previously Duke of York Street), Ħamrun within two years from the date of this application or any other date, and fix a review of the rent payable by the respondent and this according to Article 4A (4) of Chapter 69;

In the event that the respondent meets the means test, order a revision of the rent which rent as increased shall be increased in accordance with the provisions of Article 4A(7) and determine those new conditions in accordance with Article 4A(2) and this provided for the appointment of technical members.

With costs and legal interest. Subject to and without prejudice to all rights due to the applicants, including those of a constitutional nature and without prejudice to any pending proceedings as well as subject to all their rights against the respondent including any breach of the rental conditions.

Applicants: Monica Magro et, 42, San Antonio, Triq il-Linja, Ħ'Attard

Respondent: : Rose Mangion – 38, Triq Ċensu Borg, Ħamrun.

The application in the names Monica Magro et vs Rose Mangion et, Application Number 595/2021LC has been postponed for hearing to the 13th June 2022 at 10.40a.m.

Registry of the Superior Courts, today 3rd June 2022.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

990

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Uffiċjal Eżekuttiv tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet mogħti fit-3 ta' Ġunju 2022, il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt riprodott hawn taħt sabiex għal kull fini u effett tal-liġi jservi ta' notifika skont l-artikolu 931 et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Executive Officer of the Court of Magistrates (Gozo)

It is hereby notified that by a decree issued on the 3rd of June 2022, the Court of Magistrates (Gozo), Superior Jurisdiction, General Section, ordered the publication of the extract reproduced hereunder so that for every purpose and effect of the law serves as notification in accordance with article 931 et sequitur of the Code of Organization and Civil Procedure.

B'digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali fit-3 ta' Ġunju 2022 fl-atti taċ-Ċedola ta' Depożitu bin-numru 124/2022 SG ta' Peter Curmi miżżewġ lil Mary Curmi neè Apap iben il-mejtin Anthony Curmi u Michelina Curmi neè Sultana mwieled ix-Xagħra Għawdex nhar id-dsatax ta' Mejju elf disa mija sitta u ħamsin u residenti Xagħra Għawdex karta tal-identità numru 33656G; u Leontine Curmi imwieleda Bondin, xebba bint il-mejjet Victor Curmi u Domenica Bondin neè Caruana mwielda Pieta nhar il-ħmistax ta' Settembru elf disa mija tlieta u disgħin u residenti ix-Xagħra Għawdex karta tal-identità numru 435493M. Jesponu bir-rispett:

Illi r-rikorrenti huma propjetarji tal-fond numru sittax fi Triq Jannar fix-Xagħra Għawdex, bil-ġnien bl-arja u sottosuol relattivi bl-esklużjoni tal-parti ta' taħt il-ġnien li taħtha hemm għar magħruf bħala 'l-Għar ta' Ninu' soġġett għal ċens ta' għaxar xelini pari għal ħamsin ċenteżmu (LM0.50c), pari għal Ewro u sittax il-ċentezmu €1.16c;

Illi l-esponenti jixtiequ jipprevalixxu ruħhom mill-fakolta mogħtija lilhom bl-artikolu elf ħames mija u wieħed (1501) tal-Kapitlu sittax (16) tal-Kodiċi Ċivili u jifdu ċ-ċens;

Illi s-somma ta' Ewro u sittax il-ċenteżmu (€1.16) kapitalizzata bil-ħamsa fil-mija (5%) tammonta għal tlieta u għoxrin Euro u għoxrin ċenteżmu (€23.20).

Għaldaqstant l-esponenti sabiex jeżimu ruħhom minn kull resposnabilta qiegħdin jadixxu lil din l-Onorabbli Qorti u taħt l-Awtorità tagħha jddepositaw s-somma ta' tlieta u għoxrin Ewro u għoxrin ċenteżmu (€23.20) bħala ċens dovut kif fuq spjegat, sabiex din tkun tista tiġi liberament żbankata mill-istess intimata wara li titħalla debita rċivuta.

Inti għal daqshekk ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt (6) ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Inti ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuratur tal-uffiċċju. U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-eżekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Maġistrat Dr. Simone Grech, Maġistrat tal-Qorti hawn fuq imsemmija.

By decree given by the Court of Magistrates (Gozo), Superior Jurisdiction, General Section on the 3rd of June 2022 in the acts of the Schedule of Deposit bearing number 124/2022 SG of Peter Curmi, married to Mary Curmi neè Apap, son of the late Anthony Curmi and Michelina Curmi neè Sultana born in Xagħra Gozo on the 19th of May nineteen sixty-five residing in Xagħra Gozo holder of identity card number 33656G, and Leontine Curmi born Bondin, single, son of the late Victor Curmi and Domenica Bondin neè Caruana born in Pieta on the fifteenth of September nineteen ninety-three and resding in Xagħra Gozo holder of identity card number 435493M. Humbly request:

That the applicants are owners of the property number sixteen in Triq Jannar Xagħra Gozo, with the relative garden, air and basement with the exclusion of the basement of the garden where there is a cave known as Ninu's Cave subject to emphyteusis of ten shillings equivalent to fifty cents (LM0.50) equivalent to one Euro and sixteen cents (€1.16).

That the applicants wish to prevail themselves from the faculty given to them by article one thousand five hundred and one (1501) of Chapter 16 of the Laws of Malta and redeem the emphyteusis.

That the sum of one Euro sixteen cents (€1.16) capitalized by five percent (5%) amounts to twenty-three Euros and twenty cents (€23.20).

Therefore, the applicants in order to exempt themselves from any responsibility adhere to this Honorable Court and under its authority deposit the sum of twenty-three Euros and twenty cents (€23.20) as due emphyteusis as here above explained and this will be freely withdrawn from the same respondent after the due receipt.

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of curators of office. And after so acting or if you should encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Court of Magistrates (Gozo) Superior Jurisdiction, General Section, above mentioned, with the witness of the Hon. Magistrate Dr. Simone Grech B.A. LL.D. Mag. Jur. (Eur. Law).

Illum 3 ta' Ġunju, 2022

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)

Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali

SILVIO XERRI
Deputat Reġistratur,
Għar-Reġistratur Qrati u Tribunali (Għawdex)

Today the 3rd of June, 2022

Registry of the Court of Magistrates (Gozo)

Superior Jurisdiction, General Section

SILVIO XERRI
Deputy Registrar,
For the Registrar Courts and Tribunals (Gozo)

991

Permezz ta' digriet mogħti fit-8 ta' Ottubru 2021, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 3435/2021, fl-ismijiet Martin Grzelak vs Alessandro Mercieca, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat a tenur tal-Artikolu 187(3) et seq tal-Kap 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili

Illum, 12 ta' Awwissu 2021

Lil: Alessandro Mercieca (KI 85363M) ta' 4, Anil, Triq il-Ħawt, Swieqi.

Permezz tal-preżenti, Martin Grzelak (KI 113741A) ta' c/o 7 Triq id-Dukkar, Ħaż-Żabbar, filwaqt li jagħmel referenza għall-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu datat 12 ta' April 2021 kopja ta' liema hi hawnhekk annessa u mmarkata bħala Dokument MP1 li permezz tiegħu inti iddikjarajt ruħek bħala vera certi u likwidu debitur a favur il-mittenti, qiegħed jinfurmak li inti kont moruz fil-ħlas tal-pagamenti u għaldaqstant jinfurmak li inti ddekadejt mill-benefiċċju tat-terminu skont l-istess kostituzzjoni ta' debitu.

Illi din l-ittra qiegħda ssir ai termini ta' dak li jipprovdi l-artikolu 283 tal-kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-mittenti ser jipproċedi ulterjorment kontra tiegħek skont il-liġi.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 3 ta' Ġunju 2022.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree of the 8th October 2021, in the records of the judicial letter number 3435/2021, in the names Martin Grzelak vs Alessandro Mercieca, the First Hall of the Civil Court ordered the following publication for the purpose of effecting service on the respondent in terms of Article 187(3) et seq of Chapter 12.

In the First Hall of the Civil Court

Today 12th August 2021

To Alessandro Mercieca (ID 85363M) of 4, Anil, Triq il-Ħawt, Swieqi.

By means of this present, Martin Grzelak (ID 113741A) of c/o 7, Triq id-Dukkar, Ħaż-Żabbar, whilst making reference to the constitution of debt contract dated 12th April 2021 copy of which is here attached and marked as Document MP1 by means of which you declared yourself as certain, true and liquid debtor in favour of the interpellant, he is informing you that you are in default of payment and this he is informing you that you have lost the benefit of time according to the same constitution of debt deed.

This letter is being made in terms of Article 283 of Chapter 12 of the Laws of Malta.

The interpellant will proceed further against according to Law.

Registry of the Superior Courts today 3rd June 2022.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

992

Permezz ta' digriet mogħti fis-26 ta' April 2022, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 4977/2021, fl-ismijiet JP Imports (Food Division) Ltd vs Claude Paris et, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimati a tenur tal-Artikolu 187(3) et seq tal-Kap 12.

By means of a decree of the 26th April 2022, in the records of the judicial letter number 4977/2021, in the names JP Imports (Food Division) Ltd vs Claude Paris et, the First Hall of the Civil Court ordered the following publication for the purpose of effecting service on the respondents in terms of Article 187(3) et seq of Chapter 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili

Illum, 19 ta' Novembru 2021

Lil: Claude Paris (KI 386578M) u C&C Caterers Limited (C35883M) ta' Pepe Nero, Valletta Waterfront, Vault 18, Valletta.

Permezz tal-preżenti, JP Imports (Food Division) Ltd (C-78866) ta' 46-52 Mill Street, Qormi, Malta, tinterpellakom sabiex fi żmien jumejn mid-data ta' dina l-ittra tħallsu s-somma ta' €31,510.30 rappreżentanti l-valur tal-ammont dovut minnkom lill-mittenti għall-prodotti tal-ikel mibjugħa lilkom f'diversi stabbilimenti tal-ikel ġewwa Malta.

Jekk it-terminu mogħti lilkom ser jgħaddi inutilment, il-mittenti ma' jkollhiex alternattiva oħra għajr li tipprocedi legalment fil-konfront tagħkom bil-ħruġ tal-mandati opportuni.

Bl-ispejjez u bl-imgħax dekorribli mid-data tal-fattura relattiva u b'riserva għal kull dritt u azzjoni ulterjuri spettanti lill-mittenti fil-konfront tagħkom.

Tant sabiex tagħrfu timxu u tirregolaw ruħkom.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 3 ta' Ġunju, 2022.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

In the First Hall of the Civil Court

Today 19th November 2021

To Claude Paris (ID 386578M) and C&C Caterers Limited (C35883M) of Pepe Nero, Valletta Waterfront, Vault 18, Valletta.

By means of this present, JP Imports (Food Division) Ltd (C78866) of 46-52 Mill Street, Qormi, Malta solicits you so that within two days from the date of this letter you pay the amount of €31,510.30 representing the value of the amount due by you to the interpellant for food products sold to you in several food establishments in Malta.

If the time given to you passes and you fail to pay, the interpellant will have no alternative but to proceed against you legally by means of the opportune warrants.

With costs and interest accrued from the date of the relative invoice and subject to any right for further action by the interpellant against you.

So much so you will know how to proceed and to regulate yourselves.

Registry of the Superior Courts today 3rd June, 2022.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

993

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Uffiċjal Eżekuttiv tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet mogħti fit-3 ta' Ġunju 2022, il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt riprodott hawn taħt sabiex għal kull fini u effett tal-liġi jservi ta' notifika skont l-artikolu 931 et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

B'digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Inferjuri fit-3 ta' Ġunju 2022 fl-atti taċ-Ċedola ta' Depożitu bin-numru 101/2022 SG ta' Charmaine Azzopardi [K.I 27783G] ta' 24 Telegraph Street Nadur Għawdex; David Muscat [K.I41153G] ta' 24 Telegraph Street Nadur Għawdex; u Mario Muscat [K.I 27263G] ta' Telegraph Street Nadur Għawdex. Jesponu bir-rispett:

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Executive Officer of the Court of Magistrates (Gozo)

It is hereby notified that by a decree issued on the 3rd of June 2022, the Court of Magistrates (Gozo), Inferior Jurisdiction, ordered the publication of the extract reproduced hereunder so that for every purpose and effect of the law serves as notification in accordance with article 931 et sequitur of the Code of Organization and Civil Procedure.

By decree given by the Court of Magistrates (Gozo), Inferior Jurisdiction, on the 3rd of June 2022 in the acts of the Schedule of Deposit bearing number 101/2022 SG of Charmaine Azzopardi [I.D 27783G] of 24 Telegraph Street Nadur Għawdex; David Muscat [I.D 41153G] of 24 Telegraph Street Nadur Għawdex; and Mario Muscat [I.D 27263G] of Telegraph Street Nadur Għawdex. Humbly request:

Illi l-esponenti kienu jikru mingħand Peter Sammut id-dar bin-numru erbgħa u għoxrin (24) Telepgraph Street Nadur Għawdex u dan versu l-kera ta' mija u tmenin Ewro fis-sena (€180).

Illi s-sid tal-fond de quo miet intestat nhar is-sittax (16) ta' Awwissu elfejn wieħed u għoxrin (2021) u l-esponenti ma humix a konoxxenti ta' min huma l-eredi tiegħu u għalhekk l-istess irrikorrew għan-nomina ta' kuratur deputat;

Illi huma dovuti lill-werrieta ta' Peter Sammut s-somma ta' hames mija u erbgħin Ewro (€540) rappreżentanti ħlas ta' kera tas-sena elfejn u għoxrin (2020), elfejn wieħed u għoxrin (2021) u elfejn u tnejn u għoxrin (2022), liema kera ma hix qed tiġi aċċettata u dan mingħajr ebda raġuni valida fil-liġi, nonostante li l-kera ġiet debitament offruta;

Għaldaqstant l-esponenti sabiex jeżimu ruħhom minn kull responsabbilta taħt il-Liġi, tadixxi lil din il-Qorti Onorabbli u taħt l-awtorità tagħha tiddepożita a favur l-intimati s-somma ta' erbgħa mija u sebgħin Ewro (€470) li flimkien mas-somma ta' sebgħin Ewro (€70) rappreżentanti spejjeż ta' din il-proċedura jammontaw għas-somma ta' ħames mija u erbgħin Ewro (€540) u ċioe il-kera dovuta kif hawn fuq spjegat, sabiex din tkun tista tiġi liberament żbankata mill-istes intimat wara li titħalla riċevuta skont il-liġi.

Inti għal daqshekk ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt (6) ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Inti ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuratur tal-uffiċċju. U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-eżekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf lil din il-Qorti.

